# LECTIO DIVINA

# Il-Wieħed u Tletin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena Ċ)

**Lq 19,1-10**

## “F’din id-dar, illum daħlet is-salvazzjoni”

**“Ġesu’ daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq”** (v.1)

Ġeriko hija belt li wara li l-ħitan tagħha ġew imfarrka kellha fuqha s-saħta ta’ Ġożwe’: *“Misħut il-bniedem quddiem il-Mulej li jfettillu jibni din il-belt”* (Ġoż 6,26). Ġożwe’ minn Ġeriko jidħol fl-Art Imwiegħda (ara Dt 32,49). Hija l-post fejn l-agħma jinsab filqiegħda (18,35), id-destinazzjoni ta’ dak li waqa’ f’idejn il-ħallelin (10,30). Ġesu’ jidħol f’relazzjoni tal-emarġinati, ma’ dak li huwa ‘misħut’.

**“Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani. Kellu xewqa li jara min kien Ġesu’, imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir.”** (v.2-3)

***‘kien għani’***: “eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta’ labbra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna t’Alla... Dak li ma jistax ikun għall-bniedem, għal Alla jista’ jkun” (18,25-27).

***‘Kellu xewqa li jara min kien Ġesu’’***: Żakkew xtaq ikun jaf minhu Ġesu’.

***‘ma setax minħabba l-folla’***: Bħal fil-każ tal-agħma (18,39), il-folla kienet ta’ tfixkil għalih.

**“Għalhekk mar jiġri ’l quddiem u xxabbat ma’ siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi.”** (v.4)

***‘mar jiġri ’l quddiem’***: Ix-xewqa kbira tidher fl-azzjoni. *“It-Tnejn ġrew flimkien, imma d-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar* (huwa l-istess verb użat) *minn Pietru u laħaq qablu ħdejn il-qabar”* (Ġw 20,4).

***‘xxabbat ma’ siġra tat-tin selvaġġ’***: Jekk hemm it-tfixkil tan-nies u tal-limiti tal-bniedem (kien qasir), Alla jinqeda wkoll bin-natura: *“Għax il-ħolqien li jaqdi lilek li ħlaqtu... jintelaq għall-ġid ta’ min jittama fik.”* (Għerf 16,24); għall-poplu t’Alla tinfetaħ triq fil-baħar (ara Eż 14).

**"Ġesu', kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: 'Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieħli noqgħod għandek.'"** (v.5)

***'ħares 'il fuq'***: *"Hu li jħares 'l isfel, lejn is-smewwiet u lejn l-art"* (Salm 113,6), jumilja lilu nnifsu (Fil 2) u issa waqt li huwa fil-baxx jgħolli ħarstu lejn dak li tela' 'l fuq biex jiltaqa' miegħu.

***'Żakkew, isa,* (b'mod litterali: bil-għaġla) *inżel minn hemm'***: Ix-xewqa ta' Żakkew tiltaqa' max-xewqa ta' Ġesu': *"Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom"*.

***"għax illum jeħtieġli* (b'mod letterali: huwa neċessarju) *noqgħod għandek.'***: *"Jien nfittex il-mitlufa, nreġġa' lura l-imxerrda, ninfaxxa l-ġrieħi tal-miġrugħa, u nqawwi l-marida"* (Eżek 34,16). S'issa kienu preżenti verbi li juru moviment: daħal, għaddej, mar jiġri, ixxabbat... Meta sseħħ il-laqgħa ta' Ġesu, jidħlu l-verbi statiċi: noqgħod, laqgħu, jistrieħ.

**"Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu. In-nies, meta rawh, lkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ."** (v.6-7)

***'In-nies, meta rawh, lkoll bdew igemgmu'***: *"Il-Fariżej kif ukoll il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: 'Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!'"* (15,2 ara wkoll 5,30), *"ħabib tal-pubblikani u l-midimbin"* (7,34). Ma fehmuh li l-ħniena tiegħu tixbaħ dak li jgħid is-salmista: *"minn irdun għal irdum jidwu l-ħsejjes qawwija tal-ilmijiet tiegħek"* (42,8). Ġesu' li ma jiġix milqugħ f'Betlehem, issa jista' jidħol jistrieħ għand Żakkew.

**"Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: 'Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed.'"** (v.8)

***'nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed'***: Żakkew imur 'l hinn minn dak li kienet titlob it-Torah fil-każ ta' xi ħadd naqas lil ħuħ: *"Jistqarr id-dnub li jkun għamel, iħallas għad-deni kollu u jżid miegħu mill-ħamsa waħda u jagtiha lil min hu jkun għamel id-deni"* (Num 5,7). *"għandu jroddu kollu kemm hu, u jżid miegħu waħda mill-ħamsa ta' kemm tkun stmajtu"* (Lev 5,20-26).

Sab it-teżor moħbi u *"kollu ferħan, mar ibigħ kull ma kellu biex jixtri dik l-għalqa"* (Mt 13,44). Permezz ta' Ġesu' ir-relazzjonijiet mal-oħrajn inbidlu.

**"Qallu Ġesu': 'F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham. Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf"** (v.9-10)

Ġesu', li jfisser Alla huwa Salvatur, daħal fid-dar ta' Żakkew mhux bħala mistieden, imma bħala l-Mulej li jsalva.

***'għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham'***: Ulied Abaham huma wlied il-wiegħda, ulied il-barkiet.

***'Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf'***: *"Alla s-Salvatur tagħna, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verita'"* (1 Tim 2,4); *"Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għalkollox: li Kristu Ġesu' ġie fid-dinja biex isalva l-midimbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed. Iżda jien minħabba f'hekk sibt ħniena"* (1 Tim 1,15-16 ara wkoll Lq 15).

## Għar-Riflessjoni

- Ġesu' jixtieq jiġi għandek biex jurik fejn tinsab il-ħajja fl-milja tagħha.
- Fil-laqgħa ma' Ġesu' Żakkew beda jara lill-oħrajn b'mod differenti: mhux iżjed kif jista' jakkwista iktar minn għandhom, bħala oġġetti għall-gwadann personali tiegħu, imma bħala persuni vittmi tal-inġustizzi tiegħu, nies li sfaw imweġġa' minnu. U issa qed jarahom bħala nies li kellu d-dejn magħhom. Il-laqgħa tiegħi ma' Ġesu' llum qed turini mod ġdid kif nista' nibda nħares lejn l-oħrajn?
- Gesu' f'kull 'Żakkew' qed jara dak il-bniedem ħieles, hieni. Huwa mod ġdid ieħor kif ir-relazzjoni tiegħi ma' Ġesu' twassalni nara lill-oħrajn.
- Kull limitu li niltaqgħu miegħu (qasir, folla, mibneb pubbliku) ma rridx nippermetti li x-xitan jinqed bih biex "illum" ma jkollix laqgħa ma' Ġesu'.
- In-nies kollha qagħdu jħarsu lejn id-dnub ta' Zakkew u ma nbiddlux, Żakkew, f'Ġesu jara d-dnub tiegħu u jinbidel. Meta nitfgħu l-ħarsu lejn id-dnubiet tal-oħrajn pjuttost nitbiegħdu iżjed minn Ġesu' u mill-oħrajn.